

Brussell, 21 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7607/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0082(COD)**

**CODEC 693
AGRI 154
AGRILEG 60**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-12 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Lulju 2018³.
4. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 7809/18.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 165.

³ ĠU C 387, 25.10.2018, p. 48.

⁴ 7182/19.

5. Għalhekk, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova, bl-astensjoni tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 4/19;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
- jieħu nota tad-dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew li tinsab fl-Addendum 2.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
